**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2018**

**Mandat Revoka Numru: 312/2018 JPG**
**Kawza numru: 12**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jġib in-numru ta' referenza 469/2018 fl-ismijiet:**

**Christopher Vella u Pauline Vella**

**Vs**

**Josef Borg u Alexia Borg Stafrace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors revoka ta' Alexia Borg Stafrace, datat 5 ta' April 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi s-sekwestranti Christopher u Pauline Vella ntavolaw dan l-mandat odjern fil-konfront tas-sekwestrat Josef Borg u martu Alexia Borg Stafrace.*

2. *Illi skont il-Mandat ta' Sekwestru odjern jirrizulta li dan sar fir-rigward ta' allegati danni li soffrew is-sekwestarnti wara xogholijiet li saru fil-propjeta' taghhom.*

3. *Illi l-unika relazzjoni guridika li qatt kienet bejn is-sekwestranti u sekwestrat Josef Borg fejn dan l-ahhar ghamel xogholijiet ta' plumbing u electrician fil-propjeta' tas-sekwestranti u dawn tall-ahhar irrifjutaw li jhallsu somma bilancjali dovuta lis-sekwestrat ghax-xogholijiet ezegwiti minnu.*

4. *Illi di fatti dan jirrizulta minn proceduri gudizzjarji istitwiti mis-sekwestrat fil-konfront tas-sekwestranti fl-ismijiet Josef Borg vs Pauline Vella u Christopher Vella (Avviz Nru. 352/2017 CFF) u Mandat Kawtelatorju relattiv ghat-tallba ghal hlas u dan in vista' tal-fatt li dan jirrigward xogholijiet li saru minn Josef Borg lill-konjugi Vella kif jirrizulta mill-emails skambjati matul ix-xogholijiet u l-istima tax-xogholijiet annessi u mmarkati bhala Dok A1 u A2.*

5. *Illi di piu' kwalsiasi* atti *gudizzjarji dejjem saru bejn l-istess sekwestranti Vella us-sekwestrat Josef Borg kif jirrizulta mill-ittri ufficjali Nru 1010/2017 u 448/18 (vide kopja annessa) u fl-ebda mument dawn ma kienu indirizzati lill-esponenti jew mibghuta mill-esponenti stante illi hija ma hijiex parti fir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet.*

6. *Illi l-Mandat odjern huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ma huwiex prima facie gustifikat fil-konfront tal-esponent stante illi kif jirrizulta anki mill-atti l-esponenti ma hijiex parti f'dawn il-proceduri u anzi tali Mandat kawtelatorju gie ntavolat b'malizja u fic-cirkustanzi ma huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh fil-konfront tal-esponenti.*

*Ghal dawn il-motivi l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-Mandat ta' Sekwestru jigi revokat fil-konfornt tal-espoennti Alexia Borg Stafrace (ID No.356676M) u dan dejjem salv kull ordni jew provvediment iehor li dina l-istess Qorti jidhrilha iktar xieraq u opportun.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il- ligi.

Rat ir-risposta ta' Christopher u Pauline konjugi Vella, datata 20 ta' April 2018, a fol 15 et seqq li taqrha hekk:

*Illi qabel xejn, is-sekwestrata ghandha tispecifika l-Artikolu tal-Ligi illi fuqu qieghda tinkwadra t-talba taghha ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern;*

*Illi oltre minn xi talba formalistika, huwa essenzjali f'rikors ta' revoka ta' dan it-tip illi s-sekwestrata tispjega bic-car liema mis-subincizi tal-Artikolu 836(1) tal-Kap 12 Ligijiet hija qieghda tinvoka favur taghha, u dan sabiex l-Onorabbli Qorti tkun tista' tezamina u tgharbel jekk jezistux tassew ragunijiet u/jew cirkostanza li jippermettu r-revoka ta' sekwestru kawtelatorju taht dak jew dawk il-provvdiment tal-Ligi;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher illi l-ilment ewlieni, u uniku, tar-rikorrenti huwa li hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-sekwestranti. Dan huwa kontestat mill-esponenti, ghaliex kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti kienet ukoll involuta personalment fit-trattativi bejn il-partijiet, kemm qabel kif ukoll wara illi zewgha wettaq ix-xogholijiet relattivi fil-fond tal-esponenti;*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in ogni kaz, l-esponenti jirrilevaw illi s-sekwestrant Josef Borg, ir-ragel tar-rikorrenti, kien jiggestixxi n-negozju u professjoni tieghu f'ismu personali u mhux f'isem xi socjeta'. Dan ifisser illi kwalunkwe att jew eghmil mwettaq minnu jaghmel parti minn u jaqa taht ir-responsabbilta' tal-komunjoni tal-akkwisti tas-sekwestranti, u dan stipulat mill-Art 1324, 1327 u 1330 tal-Kap 16 Ligijiet ta' Malta;*

*Illi kemm-il darba l-kreditur ta' persuna li tiggestixxi n-negozju taghha f'isimha propju jmorru fuq il-komunjoni tal-akkwisti, allura fil-fehma umli tal-esponenti, huwa necessarju illi r-rikorrenti tkun parti minn dwn il-proceduri sabiex b'hekk jigi zgurat illi l-gudizzju huwa integru.*

*Illi kif certament li taf tant tajjeb dina l-Onorabbli Qorti, hija l-ligi stess, senjatament taht l-Art 1330 tal-Kap 16 Ligijiet ta' Malta, illi jaghtu rimedju lill-kreditur ta' negozjant illi d-dejn jigi sodisfatt* ***l-ewwel*** *mill-komunjoni tal-akkwist, u jekk din ma tkunx bizzejjed, kontra l-proprjeta' parafernali ta' dak jew dik n-negozjant/a:*

> *1330.Meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunuz bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik l-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin:*

*Izda meta-*

*(a) Id-dejn jew indennizz ikun dovut bhala rimedju civili dwar reat maghmul nir-rieda minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg; jew*

*(b) Id-dejn jinholoq mill-ezercizzju ta' sengha, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324;*

*Il-kredituri ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx hi li minhabba fiha nholqot it-talba, izda jistghu f'dawn il-kazijiet jinfurzaw it-talba taghhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma tithallasx mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minhabba fiha nholqot it-talba.*

*Illi dwar dawn il-principji, u dwar in-necessita' illi z-zewg konjugi ikunu parti mhux biss fil-kawza,izda anke fl-atti ta' kwalunkwe mandat kawtelatorju intavolat, kienu diversi d-drabi illi pronunzjaw ruhhom il-Qrati taghha, fosthom permezz tas-sentenza ta' din l-Onorbabbli diversament presjeduta datata t-3 ta' Awissu 2001 fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1246/01 fl-ismijiet:* ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech nomine et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri propio et niomine et,*** *meta ntqal:*

> *"L-istess ghandu jinghad ghal dak illi jirrigwarda l-involviment ta' Marian Muscat Azzopardi, li huwa limitat ghall-fatt li hija tigi mart l-Imhallef Muscat Azzopardi u ghalhekk kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien ma' zewgha.* ***Dan l-involviment ma johrogx minn cirkostanzi ta' fatt, izda huwa sempliciment impost mil-ligi u senjatament mill-istitut fil-Kodici Civili rigwardanti l-Kommunjoni ta' l-Akkwisti fejn f'materja simili u ghall-integrita' tal-gudizzju att ikun mankanti jekk ma jinkludix mart id-debitur meta d-debitur ikun ragel mizzewweg u tezisti bejnu u bejn martu l-kommunjoni ta' l-akkwisti. <u>Huwa wkoll inkoncepibbli legalment kif wiehed jista' jesegwixxi mandate kontra propjeta' tal-kommunjoni ta' l-akkwsiti meta wiehed jew wahda mill-partijiet fl-istess kommunjoni ma tkunx in kawza.</u> Ghalhekk kwalsiasi referenza ghal nuqqas ta' etika jew malizzja f'dan ir-rigward hija "red herring" illi difficli jinftiehem ghaliex saret;***
>
> *Jibqa li tigi esaminata l-posizzjoni tar-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi. L-intimat ghamilha cara li l-istess rikorrenti Marian Muscat Azzopardi hi intimata fl-att*

*kawtelatorju in kwestjoni semplicement peress li hija tigi mart Dottor Muscat Azzopardi u ghalhekk l-kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejnha u bejn zewgha. Ghalhekk bl-ebda mod ma hu qed jigi allegat li l-istess rikorrenti Marian Muscat Azzopardi kienet b'xi mod involuta fil-fatti meritu ta' dawn il-proceduri.* ***<u>Peress li l-att in kwestjoni jista jolqot kontijiet bankarji li huma tal-komunjoni tal-akkwisti hu necesarju li r-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi tigi nvoluta fil-proceduri relattivi. In effett dan l-involviment jista jkun ta' beneficcju ghall-istess rikorrenti Marian Muscat Azzopardi. Ma jirrizulta xejn irregolari dwar il-posizzjoni tar-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi fl-att kawtelatorju in kwestjoni;"</u>***

*(enfasi mizjud mill-esponenti)*

*Illi dwar dan pronuncjat ruhha ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Magistrat permezz tas-sentenza taghha datata l-31 ta' Lulju, 2012 Avviz Numru. 370/2003 fl-ismijiet* **Christopher u Lucienne konjugi Selvagi vs Peter borg,** *meta l-Onorabbli Qorti qalet hekk:*

***Kif osservat fil-precitata sentenza J&E Griscti Limited v. Jesmond Sant et, Appell Civili Nru. 904/05, l-iskop ta' l-Artikolu 1324 intiz biex, fil-konfront tat-terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn consort wiehed biss, basta li jkunn att "normali" ta' gestjoni ta' kummerc*** *(Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, 9 ta' Ottubru 2003, per Imhallef Tonio Mallia). Ghal kjarezza, qed jigi rilevat illi hemm atti li jirrikjedu l-intervent taz-zewg konjugi [Artikolu 1322(2)] u hemm ukoll atti li wiehed mill-konjugi jista jgib fis-sehh uti singuli [Artikolu 1324 jew l-Artikolu 1327(c)].* ***F'dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa legittimat li jissodisfa l-kreditu tieghu fuq il-beni tal-komunjoni. Dan ghar-raguni illi dawk l-atti jinciedu fuq ic-cespiti li jifformaw parti mill-patrimonju tal-komunjoni. Naturalment, skond il-ligi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat bill in subordine idur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju u ndahal ghar-responsabilita' kontrattwali diretta. Jigi allura illi r-ragel jirrispondi ghad-dejn tighu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan hu bil-wisq car mill-kontenut tan-norma fl-Artikoli 1330 tal-Kodici Civili."***

*(enfasi mizjud mill-esponenti)*

*Illi huwa naturali u sahansitra gust illi l-Ligi tipprovdi propju hekk, ghaliex li kieku dan mhux il-kaz – u kif qieghda tipprova targumenta l-kontroparti – d-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu kontra t-terz debitur jiddghajjef ghal kollox, jew sahansitra jispicca, li kieku l-istess kreditur ma ghandux rimedju kontra l-komunjoni, specjalment meta hija l-Ligi stess li tispecifika illi l-**frott tan-negozju u/jew professjoni trid taghmel parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti.***

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha premessi, l-esponenti jirrilevaw illi l-mandat kawtelatorju taghhom huwa wiehed gust u li ghandu jibqa' fis-sehh fil-konfront anke tar-rikorrenti, u ghalhekk jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti fl-intier taghha.*

*Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess rikorrenti.*

Rat il-verbal tal-20 ta' April 2018, (Fol 14) li permezz tieghu il-kontendenti ghazlu li ma jixhdux u strahu fuq l-atti processwali;

Rat l-atti tas-sekwestru 469/2018 annessi ma' dawn l-atti;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikors ghar-revoka prezentat mis-sekwestrata gie ntavolat, u dan kif jirrizulta mit-trattazzjoni tad-difensur legali tas-sekwestrata, il-ghaliex skond Alexia Borg Stafrace bejn is-sekwestranti u s-sekwestrata Alexia Borg Stafrace, ma hemm ebda relazzjoni guridika. Hija ssotni illi r-relazzjoni guridika hija biss bejn is-sekwestranti u r-ragel taghha Josef Borg li kien ghamel xogholijiet ta' *plumbing* u eletriku fil-proprjeta tas-sekwestranti. Ghalhekk r-rikorrenti Alexia Borg Stafrace tghid illi l-mandat kawtelatorju gie intavolat b'malizja kontra taghha u m'huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh. Waqt it-trattazzjoni gie argumentat illi dan il-mandat gie intavolat mis-sekwestranti biss wara li r-ragel taghha kien fetah kawza kontra taghhom ghal hlas tal-bilanc rimanenti. Kien biss f'dan iz-zmien, li huma bdew jallegaw illi x-xoghol li

ghamel ma kienx skont is-sengha u l-arti. Fit-trattazzjoni zdied jinghad ukoll, illi s-sekwestranti qatt ma taw sustanza ghall-allegazzjonijiet ta‘ danni taghhom, tant li lanqas biss pprezentaw xi rapport peritali li jista‘ jikkorobora l-allegazzjonijiet taghhom. In sostenn tal-argument taghha li l-intavolar tal-mandat kontra taghha kien malizjuz, iccitat sentenza fl-ismijiet **Scerri vs Grima et** deciza fit-22 ta‘ Novembru 2007 fejn mandat kawtelatorju kien get rrevokat kontra terza parti, u cioe il-perit (arkitett), ghaliex ma kienx prova li tiggustifika li hu jigi mghobbi bil-piz tal-mandat.

Is-sekwestranti oggezzjonaw ghat-talba ghar-revoka tas-sekwestrata Borg Stafrace u argumentaw illi galadarba hi u Josef Borg huma mizzewgin allura japplikaw l-Artikolu 1324, 1327 u 1330 tal-Kodici Civili, ghaliex Borg jiggestixxi n-negozju f’ismu proprju u allura kwalunwke att li jaghmel, jaqa‘ taht ir-responsabilita tal-komunjoni tal-akkwisit. Huma sahqu illi l-eghmil ta‘ Borg jinkwadra bhala att ordinarju tal-gestjoni tan-negozju. Skont huma dan ghalhekk ifisser illi kwalunwke somma dovut minn Borg f’dan ir-rigward ghandha tigi sodisfatta l-ewwel mill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk il-presenza ta‘ martu Borg Stafrace hija necessarja ghall-integrita tal-gudizzju. Fuq dan il-punt is-sekwestrata irribatiet fit-trattazzjoni taghha illi dawn m’humiex atti ordinarji fix-xoghol tar-ragel taghha, izda anzi huma att ta‘ natura straordinarja ghaliex dan huwa prettament ix-xoghol tieghu, u hija estranea ghal dana kollu.

Fir-rigward tal-argument sollevat biss waqt it-trattazzjoni illi dan il-mandat ghandu jigi revokat ghaliex is-sekwestranti ma gabux prova *prima facie* tal-pretensjoni taghhom, Il-Qorti tirrileva li dan ma kienx wiehed mill-bazi tar-rikors ghar-revoka, liema rikors huwa bbazat fuq l-allegat nuqqas ta‘ relazzjoni guridika bejn Borg Stafrace u s-sekwestranti. Il-Qorti tqis ghalhekk illi dan l-argument ma jistghax ikun il-bazi tad-decizjoni taghha, peress illi jkun ingust illi s-sekwestrata tithalla tbiddel il-binarji tat-talba taghha ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju proprju waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** jipprovdi li:-

> ***“836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun***

*qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att* ***kawtelatorju*** *jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att* ***kawtelatorju*** *sew bil-ħruġ ta' att* ***kawtelatorju*** *ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***

***(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."***

Il-Qorti sejra tamplifika uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar ir-revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat <u>jekk jintwera</u>** li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx*

*ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

*"li mid-dispozizzjoni tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Is-sekwestrata fil-kors ta' trattazzjoni taghha, talbet illi l-mandat in kwistjoni jigi rrevokat ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, kif gie osservat fid-decizjoni fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart**, deciza minn din l-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005, il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din il-kawzali [l-Artikolu 836(1)(d)] huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'*fumus juris*' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li **d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza**, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.

Il-Qorti taghraf illi tezisti presunzjoni illi bejn koppja mizzewga tezisti l-komunjoni tal-akkwisti, sakemm ma tingiebx prova kuntrarja ghal dan. F'dan il-kaz, ma ngabet ebda prova kontrarja, u anzi lanqas ma gie kontestat mis-sekwestrata illi filfatt tezisti l-komunjoni tal-akkwisti bejna u bejn zewgha Josef Borg. Ghalhekk huma applikabbli l-Artikolu 1316 *et seqq* tal-Kodici Civili, li jirregolaw il-komunjoni tal-akkwisti.

Skont l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili:

> "***Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.***"

Rigward dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet **Grazio Patiniott et vs Anthony Cini et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 gie spjegat illi:

> "***ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc izda kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tezercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attivita` ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni taht ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha.***"

Fir-rigward tal-applikabilita ta' dan l-artikolu, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2003 illi:

> "***Trid tinghata interpretazzjoni wiesgha lil dak l-artikolu, biex jigi li jkopri kull tip ta' negozju, anke wiehed eccezzjonali, li wiehed jistenna li jsir minn min ikun f'dak in-negozju, kummerc jew professjoni. Il-ligi, fil-fatt, ma tuzax il-kelma "regolari" jew "ta' kuljum" ghall-eccezzjoni, izda att normali, u att ikun "normali" skont in-negozju u z-zmien li fih sar l-att.***"

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Three Barrels Limited vs Joe Schembri noe et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Jannar 2013:

> "***L-iskop tal-artikolu 1324 huwa biex johloq eccezzjoni ghar-regola generali tal-artikolu 1322 fir-rigward tal-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju altrimenti jkun superfluwu. Il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att "normali" ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma konsorti jitlob li dan tal-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert.***"

Il-Qorti rat illi n-negozju ta' Josef Borg jinvolvi xoghol ta' *plumber* u *electrician* u kien f'dan il-kuntest illi ghamel ix-xoghol in kwistjoni. Skont is-sekwestranti dan ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha u ghalhekk fethu kawza ghad-danni kontra tieghu, f'liema kawza, u anke fil-mandat, iccitaw bhala intimat lil martu Alexia Borg Stafrace. Fil-fehma tal-Qorti jirrizulta *prima facie* li l-pretensjoni tas-sekwestranti hija marbuta ma' att nomali tal-gestjoni tan-negozju ta' Josef Borg, u ghalhekk, almenu fuq bazi *prima facie,* skont il-ligi huma ghandhom

iduru l-ewwel fuq il-komunjoni tal-akkwisti sabiex jissodisfaw il-pretensjoni taghhom. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tas-sekwestrata illi l-fatt li r-ragel taghha jiggestixxi n-negozju wahdu, u li hija ma kellha xejn x'taqsam personalment man-negozju li ghamel mas-sekwestranti, jirrendi l-att in kwistjoni wiehed ta' natura straordinarja. Li kieku kellu jigi accettat dan l-argument, l-Artikolu 1324 ikun superfluwu, ghaliex dan l-artikolu kien proprju mahsub sabiex meta wiehed mill-konjugi jkun jiggestixxi negozju, ma jkunx hemm bzonn il-kunsens jew firma tal-parti l-ohra ghal dawk l-atti li huma kkonsiderati bhala normali fil-gestjoni tan-negozju in kwistjoni. F'dan il-kaz, il-pretensjoni tas-sekwestranti hija marbuta max-xoghol ta' *electrician* u *plumber* li r-ragel tas-sekwestrata ghamel fil-proprjeta tas-sekwestranti, li huwa proprju il-bazi tan-negozju gestit minnu, u ghalhekk zgur li ma jistghax jitqies, almenu mid-daqqa t'ghajn, illi si tratta ta' att ta' amministrazzjoni straordinarija tan-negozju gestit minn Josef Borg. Kif intqal fis-sentenza citata fir-risposta tas-sekwestranti fl-ismijiet **Christopher Selvagi et vs Peter Borg** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-31 ta' Lulju 2003

> "***…il-konvenut ghandu s-sengha ta' tile layer u ilu jezercita tali sengha ghal iktar minn hamsa u tletin sena, l-appalt kummissjonat mill-atturi konjugi Selvagi lill-konvenut jikkostitwixxi ghall-istess konvenut att normali ta' gestjoni tas-sengha tieghu, u ghalhekk ai termini tal-Ligi tali att kien legittimament u validament vestit fih biss. Minn dan isegwi li kwalunkwe azzjoni nascenti mill-appalt in kwistjoni, inkluza azzjoni ghad-danni mill-atturi kontra l-konvenut minhabba inadempjenza kontrattwali, tista' validament tigi istitwita minghajr il-htiega li mart il-konvenut tkun parti fil-proceduri***"

Ghalhekk, kif intqal fid-decizjoni ukoll citata mill-abbli difensur tas-sekwestranti fl-simijiet **L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Awissu 2001:

> "***Huwa wkoll inkoncepibbli legalment kif wiehed jista' jesegwixxi mandat kontra proprjeta` tal-komunjoni ta' l-akkwisti meta wiehed jew wahda mill-partijiet fl-istess komunjoni ma tkunx in kawza.*** **[…]** ***Peress li l-att in kwestjoni jista' jolqot kontijiet bankarji li huma tal-komunjoni tal-akkwisti hu necessarju li r-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi tigi***

> ***nvoluta fil-proceduri relattivi. In effett dan l-involviment jista' jkun ta' beneficcju ghall-istess rikorrenti Marian Muscat Azzopardi. Ma jirrizulta xejn irregolari dwar il-posizzjoni tar-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi fl-att kawtelatorju in kwestjoni."***

Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti ghalhekk tqis illi l-presenza tas-sekwestrata Alexia Borg Stafrace tidher li hija *prima facie* necessarja ghall-integrita tal-gudizzju, u ghalhekk it-talba taghha ma tistax tigi milqugha.

**Dan dejjem salv ghal dak li jiddisponi l-artikolu 382 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet tal-Malta, u cioe illi mill-paga jew salarju percepibbli mis-sekwestrati Joseph u Alexia Borg Stafrace, m'ghandux jigi sekwestrat l-ammont ta' €698.81 fix-xahar, u m'ghandhomx lanqas ikun suggett ghal dan il-mandat ta' sekwestru dawk il-hwejjeg elenkati fl-artikolu 381 (1) tal-istess Kapitolu.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Alexia Borg Stafrace tal-5 ta' April 2018.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha minn Alexia Borg Stafrace.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**